# *Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **39** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **il-Ħamis 23 ta' Awwissu 2012 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | *Membri* |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur John B. Camilleri<br>Is-Sur Jesmond Mugliett (daħal għall-laqgħa fis-6.15pm) |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skużati | Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Daniel Spiteri |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Claudine Fenech |

### *Aġenda*

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 38.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoni ta' Kwotazzjoni:
   MLC 08/2012 – Lights Iljieli Skalin & Jum Marsaskala 2012
6. Approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart April-Ġunju
7. Mistoqsijiet.
8. Mozzjonijiet.
9. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
10. Aġġornament.


Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Josef Grech

Il-Kunsill iddedika ftit minuti ta' silenzju għat-telfa ta' l-ex Prim Ministru l-Perit Duminku Mintoff.

1.0 ***Qari w approvazzjoni tal-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 38(1) tas-18 ta' Lulju 2012:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

**Laqgħa Nru 38(1) tas-18 ta' Lulju 2012:**

2.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni rigward item #2.5 f'paġna 3. Is-Sur Ciantar staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv kellniex tweġiba mill-Profs Buhagiar u kienx bagħat ir-rapport.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li r-risposta tal-Profs Buhagiar kienet li kien imħabbat ħafna u li r-rapport kien għadu mhux lest kompletament.

Is-Sindku ppropona li peress li ilna nistennew, inwaqqfu l-pagament sakemm itina l-ewwel rapport minħabba li l-Profs Buhagiar għandu jagħtina aktar rapporti.

Is-Segretarju Eżekuttiv ssuġġerrixxa li ntuh *deadline*.

Il-Kunsill approva unanimament *deadline* ta' ġimgħa sabiex iħejji r-rapport, filkaż tinħareġ tender oħra.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett daħal għall-laqgħa fis-6.15p.m.***

2.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq punt #3.2.3 f'paġna 4 fejn staqsa jekk is-Sur Mark Causon kienx se jkun preżenti għal din il-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv irrisponda li s-Sur Mark Causon ma kienx se jkun preżenti, iżda kien ġie darba l-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv tah rendikont dwar x'għandu jsir u n-nuqqasijiet kollha li kellhom jiġu ndirizzati dwar il-proġett ta' Gal Xlokk. Is-Segretarju qal li meta s-Sur Causon sottometta l-applikazzjoni tal-Gal Xlokk kien għamel żball fiċ-ċifri u għalkemm l-applikazzjoni ġiet milqugħa xorta. Hemm bżonn li jiġu ċċarati l-affarijiet mal-awtoritajiet ikkonċernati biex inkunu nafu eżatt l-allokazzjoni għal kull settur.

Is-Sindku ppropona li għandha ssir laqgħa mas-Sur Causon u s-Sur Silvio Schembri tal-Gal Xlokk u qal li min irid jista` jattendi għal din il-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsilliera li l-Kunsill kien fetaħ *savings* u *current accounts* għal dan il-proġett sabiex il-flus jintefgħu ġo dawn il-kontijiet. Pero` ġejna nfurmati wkoll li mhux se ningħataw flus minn qabel bħal ma konna mwegħda, iżda peress li fil-kuntratt kien hemm klawsola li setgħet tbiddel din il-proċedura, huma bidlu l-poċedura li jista` jkun li se jimxu bħal ta' l-UIF fejn noħorġu l-flus aħna minn qabel u jtuhomna wara, jew inkella jistgħu ukoll li kif nirċievu l-*invoices* joħorġulna l-pagamenti fuqhom dirett. Għal dan ir-rigward, għad trid tiġi ċċarata l-proċedura li se jimxu biha tal-Gal Xlokk. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lis-Sur Causon sabiex jindaga u jġibilna risposta.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk is-Sur Causon jiflaħx għal żewġ proġetti f'daqqa u s-Segretarju wieġeb li l-proġett ta' l-ERDF kien għamlu kollu hu fejn kien qed jiddedika 'l fuq minn 4 siegħat kulljum fuqu. Għar-rigward il-proġett tal-Gal Xlokk qed iħalli f'idejn is-Sur Causon biex jikkordina x-xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li għar-rigward il-proġett tal-ERDF 212, il-Kunsill marbut li jġib 700 turist kull sena għal ħames snin sħaħ u ta' dan irid iġib il-provi. Jekk il-Kunsill ma jadirexxiex mal-kundizzjonijiet li hemm fil-kuntratt, jitlef il-fondi.

Il-Kunsilliera is-Sur John Baptist Camilleri qal li f'Marsaskala jiġu madwar 70 turist kulljum sempliċiment biex jieklu biss, u allura wieħed jista` jaħdem biex dawn it-turisti nġibuhom *on board* magħna u ntuhom il-*heritage trail.*

Il-Kunsillier is-Sur George Farrugia qal li mar jiċċekja sabiex il-*hop on hop off buses* tbiddel ir-rotta u tibda tgħaddi minn Marsaskala u t-tweġiba tagħhom kienet li m'għandhomx permess tal-MEPA biex jibqgħu neżlin Marsaskala.

Is-Sindku qal li f'Marsaskala kienu diġa għamlu l-*parking bays* tagħhom u twaħħlu żewġ tabelli, waħda fejn Torri Mamo u l-oħra fi Triq ix-Xatt faċċata ta' Cool Waters, allura ma jistax ikun li ma kellhomx proġettat li dawn il-*buses* jgħaddu minn Marsaskala, meta wieħed iqis li dawn saru qabel ma beda s-servizz ta' dawn it-tip ta xarabanks. Tajjeb wieħed jistaqsi min qed iżomm?

2.3 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni fuq item #3.7 f'paġna 4. Huwa qal li l-pompa tal-funtana fi Ġnien Sant'Anna qed tinħaraq kull darba.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri wieġeb li jekk il-pompa ma jkolliex manutenzjoni regolari, allura bil-fors tinħaraq. Is-Sur Camilleri talab sabiex noħorġu *works order* lill-Kuntrattur Nexos biex ibiddel din il-pompa.

2.4 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ġibed l-attenzjoni fuq mozz #7.1 f'paġna 6 fejn informa lill-Kunsill li bozza fi Sqaq Nru 3 bejn Triq ix-Xatt u Triq Sant'Anna kienet twaħħlet bl-approvazzjoni ta' l-Enemalta, pero` resident ta' dik it-triq ma ridiex u kellu jaqlagħha

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Dogtrust Malta (35/4816/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara *email* mibgħuta mis-Sinjura Christina Pace tad-DogTrust Malta, fejn qed titlob lil-Kunsill sabiex issir laqgħa biex jiddiskutu l-possibilita` li jsiru *swimming zones* anke għal-klieb.

Il-Kunsill approva unanimament li jiltaqa` mas-Sinjura Pace u din is-*swimming zone* ssir f'post ieħor barra s-*swimming zones* eżistenti u niddentifikaw żoni oħra fejn ikunu jistgħu jinżlu l-baħar l-annimali wkoll.

3.2 **Assoċazzjoni Kunsilli Lokali Ċirkulari 57/2012 – (35/4764/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara ċirkulari mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward tqassim ta' *brochures* tal-ENESCOM. L-Assoċjazzjoni ser tqassam madwar 50 kopja tal-*brochure* informattiv ideat mill-proġett lit-tmienja u sittin kunsill lokali ta' Malta u Għawdex.

Il-proġett ENESCOM huwa ffinanzjat mill-programm *Intelligent Energy Europe* u wieħed mill-għanijiet tiegħu huwa li jinċentiva aktar kunsilli sabiex jaderixxu għall-inizjattiva tal-Patt tas-Sindki.

Il-Kunsilli jibbenifikaw billi l-proġett iffinanzjalhom l-istudju tal-SEAP li ġie mwettaq mill-espert ingaġġat mill-AKL. Għan ieħor ta' dan il-proġett huwa li jwassal informazzjoni dwar l-użu ta' enerġija alternattiva u użu aħjar tal-enerġija lill-pubbliku.

3.3 **L & S Technical Consulting Ltd:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra mibgħuta mill-L&S Techincal Consulting fejn qed joffru lill-Kunsill 50 *litter bin* bi *sponsor.*

Il-Kunsill qabel unanimament li naċċettaw il-proposta tagħhom, pero` għandna niltaqgħu magħhom ħalli naraw x'tip ta' materjal huma dawn il-*bins* u fejn se npoġġuhom.

3.4 **Underground Chamber gas storage quddiem is-Summer Nights fi Triq ix-Xatt (35/4412/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra mibgħuta mill-Perit David Mifsud Parker għan-nom tas-Sur Alexander Cutajar fejn qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex isiru *underground chamber gas storage* quddiem is-Summer Nights Bar taħt dik is-*soft area* li hemm quddiem l-istabbililment tiegħu.

Is-Sindku qal li l-Kunsill mhux tekniku u għal dan ir-rigward huwa ppropona li nitolbuh itina rapport tekniku mill-Lands, Health & Safety u l-Mepa, sabiex il-Kunsill japprova dan il-proġett.

Il-Kunsilliera is-Sur John Baptist Camilleri staqsa wkoll li jekk ikun hemm inċident ta' karozza se jkun hemm impatt ma' dawn il-gassijiet, pero` huwa nforma lill-Kunsill li dawn saru proċedura li qed jitolbu mill-Mepa u allura se nibdew niltaqgħu ma' applikazzjonijiet simili ta' spiss u għalhekk għandna noħolqu parametri għal kull wieħed biex nimxu l-istess ma' kulħadd.

Għal dan ir-rigward il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab lill-Kunsill sabiex ikollna *guidelines* ta' *health & safety* biex inkunu nafu sewwa kif il-Kunsill irid jimxi.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.5 **One Way fi Triq il-Vajrita (35/4506/12/I):**

Is-Sindku spjega li meta waħħalna t-tabelli tal-*one ways* fi Triq il-Vajrita kellna xi oġġezzjonijiet mir-residenti u anke mill-Vajrita Complex li ma qablux magħha. B'hekk erġajna qlajna dawn il-*one ways* u erġajna għamilna t-triq kif kienet primarjament għall-konvenjenza tar-residenti. Is-Sindku qara wkoll l-*email* li rċivejna mit-TM fejn qed tipproponi sabiex naqilgħu dawn il-*one ways,* avolja kienu tawna l-approvazzjoni tagħhom.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri staqsa kif kienu twaħħlu *no entry for heavy vehicles* fil-parti t'isfel. Is-Sindku wieġeb li dawn saru biex wieħed itaffi ftit il-problema tad-dħaħen u l-Kunsill għandu jibgħat japplika lit-Tmalta dwar dan.

Il-Kunsill approva unanimament u qabel ukoll li nitolbu lit-TM sabiex inwaħħlu tabella tan-*No Heavy Vehicles.*

3.6 **Road Barriers fi Triq id-Daħla ta' San Tumas (35/4599/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara *email* mingħand is-Sur Shawn Farrugia, fejn qed jitlob lill-Kunsill sabiex jitwaħħlu *road barriers* fid-dawra li hemm biswit id-dar ta' Helena Dalli.

Il-Kunsill approva unanimament li jerġgħu jsiru dawk ir-*rumble strips* fi Triq id-Daħla ta' San Tumas, u allura m'hemmx għalfejn li jitwaħħlu dawn ir-*road barriers.* Dan wara laqgħa li kellna mal-Perit Testaferrata De Noto, fejn hija stess kienet ipproponiet li jerġgħu jsiru dawn ir-*rumble strips* fi Triq id-Daħla ta' San Tumas.

3.7 **Plakka fil-Bandli fi Pjazza Mifsud Bonnici:**

Il-Kunsill qabel unanimament li l-plakka li twaħħlet fil-bandli fi Pjazza Mifsud Bonnici, kif ukoll Ġnien Charles Clews għandha titranġa u rridu nimxu skond il-protokol u fejn hemm imniżżel is-Sindku irid jitnizzel ismu wkoll u din għandha tgħodd għal kull plakka li ssir fil-futur.

3.8 **Water Fountains mal-promenade (35/4682/12/O):**

Is-Sindku qara l-*email* tas-Sur Kevin Pace fejn qed jitlob lill-Kunsill sabiex inwaħħlu futani mad-dawra tal-*promenade* sabiex ikunu jistgħu jagħtu jixorbu lill-klieb bħal dawk ta' Sliema.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dawn il-funtani jrid ikollhom meters ~~tad-dawl~~ tal-ilma imwaħħlin magħhom u f'Ta' Sliema kien ikollhom ħafna problemi b'dawn il-funtani.

Il-Kunsill approva unanimament li titwaħħal waħda fejn l-Għassa fi Triq iż-Żonqor.

3.9 **Art kbira fi Triq il-Qrempuċ (35/4680/12/O):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li wara l-laqgħa li għaddiet kien kellem lil wieħed mil-ħafna sidien ta' din l-art is-Sur Sant Cassia, li jiġu l-Viċi Sindku tal-Kunsill ta' l-Imdina. Is-Sur Sant Cassia spjegalu li hemm ħafna problemi ma' din l-art, iżda li qegħdin jindirizzawhom waħda waħda. L-ewwel problema hija li din l-art apparentament kienet ġiet sproprjata (jew parti minnha mill-Gvern) u allura l-werrieta liema werrieta mhux kollha jgħixu hawn Malta ma jixtiequx jonfqu sold f'din il-propjeta`. Problema oħra hija li minn ġo din l-art għaddej il-mejn tad-drenaġġ, liema problema qegħda tiġi ndirizzata mill-Perit tagħhom ukoll għax ma jistax ikun li l-mejn tad-drenaġġ jgħaddi minn taħt xi residenzi.

Is-Sindku ppropona li ninfurzaw fuqha mal-MEPA, biex jimplimentaw li jtella` ċ-ċint il-Kunsill, iħallsuna l-MEPA tiegħu u meta jitolbu għal-permessi s-sidien iżommulhom il-flus huma.

3.9.1 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal ukoll li art fi Triq il-Kappara ma' Triq il-Qaliet madwar sena ilu kien sar inċident tat-traffiku u laqtu ċ-ċint ta' din l-għalqa u sal-lum għadu mwaqqa`.

Il-Kunsill qabel unanimament li nibgħatu ittra lis-Supretendent u lill-Ispettur.

3.10 **Premju Anzjan tas-Sena (35/4658/12/I):**

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ppropona lis-Sur George Bezzina.

Is-Sindku ssekonda.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.11 **Triq is-Skiet :**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq is-Skiet hemm kwistjoni legali fejn qed jgħidu li t-triq mhiex pubblika u li għada privata. Hemm kwistjoni bejn żewġ residenti sa fejn tasal l-art ta' xulxin. Huma qegħdin jgħidu li l-Kunsill ma jistax jidħol fiha.

Għalhekk fid-dawl ta' dan, il-Kunsill lanqas jista` jibgħat gwardjani lokali jew jagħmel affarijiet oħra sakemm tinqata` din il-kwestjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li se jipprova jġib aktar informazzjoni dwar dan.

3.12 **Il-Magħluq :**

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri informa lill-Kunsill li kellna żewġ laqgħat mar-rappreżentanti tal-MRRA u l-MTA, waħda ġewwa l-Kunsill u l-oħra fl-uffiċċini tal-MRRA dwar tindif fil-Magħluq.

Huma tawna żewġ alternattivi li kienu:

Opzjoni Nru 1: Precast culverts min-naħa tal-baħar u ssir diversion biex jevitaw ir-ramel u b'hekk l-outlet tal-pipijiet tkun f'parti fonda tal-bajja. Iridu jkunu jafu fejn qegħdin is-servizzi biex jigi implimentat dan il-proġett. Ikun hemm total ta' 5 pajpijiet li jitfgħu n-naħa ta' l-islipway. Dan il-proġett mhux suppost li jinvolvi li tingħalaq it-triq.

Opzjoni Nru 2 : Il-baħar jidħol iktar il-ġewwa. It-triq issir bridge. Il-baħar jidħol minn taħt il-promenade. Taħt it-triq ikun hemm żewġ pajpijiet u jkun hemm kanal fuq iż-żewġ naħat. Ikun hemm *embankments* fuq in-naha tal-baħar u dan sabiex jevita l-akkumulu ta' ramel. Din tiswa ħafna iktar mill-opzjoni l-oħra. Din se ssolvi wkoll il-problema tal-*flooding* minhabba l-ilmijiet tax-xita u hija iktar *long term*.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ppropona li għandna nmorru għall-opzjoni nru 2 u jekk dan jinvolvi li rridu nressqu l-monument tad-Douzelage li hemm fuq il-bridge, għandna naċċettaw.

Il-Kunsill approva unanimament li nitolbu laqgħa oħra ma' min huwa kkonċernat u għandha ssir ħdejn il-Magħluq.

3.13 **Tindif ta' culverts MLC 09/2012 :**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward il-kwotazzjoni li nħarġet għat-tindif ta' *culverts* li se tagħlaq fil-31 ta' Awwissu u li hemm bżonn li tiġi aġġudikata fl-iqsar żmien possibli u ma nistgħux nistennew sa laqgħa oħra biex tiġi aġġudikata peress li dan huwa xogħol urġenti u ma nistgħux nippermettu li tibda x-xita qabel ma jiġu mnaddfa dawn il-*culverts*.

Il-Kunsill approva unanimament li jiġi aġġudikat l-orħos offerent u jiġu avżati l-Kunsilliera b'*email*.

3.14 **Litter Bins fuq il-promenade:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li f'laqgħa preċedenti kienu tkellmu dwar il-kundizzjoniet li jinsabu fihom il-*bins* taż-Zonqor u li hemm 17 il-*bin* li *lock* tagħhom m'għadux jaħdem u ma jistax jinbidel hu l-kumpanija SR Servies offrewlna 25 *bin* ġdid sabiex jiġu mibdula s-17 il-*bin* li għandhom il-*lock* ħażin. Il-kumpanija offrit li l-Kunsill iħallas għax-*shipping* li jammonta għal €500 eskluż il-VAT u €40 għal kull *bin* bħala nstallazzjoni.

Il-Kunsill kien qabel unanimament li niktbu lis-*SR Service* u ninfurmawhom illi aħna bħala Kunsill aderixxejna il-kundizzjonijiet tal-kuntratt u anke sar ħlas fil-pront u għaldaqstant nippretendu li l-prodott kien skond l-aspettattiva mistennija.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li kemm jista` jkun ikollna oġġetti b'estetika u nippruvaw inżommu sintonija.

Il-Kunsill approva unanimament li nieħdu parir legali mingħand l-Avukat u f'dan ir-rigward noħorġu *default notice.*

Il-Kunsill approva li jekk jogħġbuna l-bins li qed joffrilna l-L & S Techincal Consulting Ltd, allura dawn jiġu mpoġġija ż-Żonqor flok dawk li hemm imkissrin.

3.15 **Sleeping Policeman fi Triq De Rohan (35/5075/12/I):**

Il-Kunsill irċieva petizzjoni ffirmata mir-residenti ta' Triq De Rohan, fejn qed jitolbuna nagħmlulhom *sleeping policeman.*

Il-Kunsill approva unanimament li nitolbu lir-residenti quddiem liema residenza se nagħmluha qabel ma tiġi approvata li nibgħatu lit-TM.

3.16 **Ċaqliq fil-bank accounts tal-Kunsill biex ikunu jistgħu isiru l-pagamenti tal-UIF:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill u tah fid-dettal li se jkun hemm ċaqliq fil-*bank accounts* tal-Kunsill biex ikunu jistgħu isiru l-pagamenti tal-UIF.

Hu qal il-flus li hemm depożitati ġo *account* 12301907049 li jammonta għal € 46537.83 jiġu trasferiti għal ġo *account* 12301907010.

Il-flus li hemm depożitati ġo *account* 40011797922 li jammonta għal € 34038.19 jiġu trasferiti għal ġo *account* 12301907010.

Jittieħdu €50000 mil-*fixed account* 40010568123 u jiġu depożitati ġo *account* 12301907010.

Il-kumplament ta' din il-*fixed account* li jammonta għal €150,000 isir *fixed account* għal erba` xhur. Hija l-intenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv li l-Kunsill fi żmien 4 xhur ikun f'pożizzjoni li jakkwista l-flus mil-MEPA biex b'hekk dawn il-€50000 li ttieħdu mill-*Fixed Account* jerġgħu jitpoġġew mal-kumplament.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.17 **Screen ħdejn il-bandli:**

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li tpoġġa l-*screen* fil-bandli bħas-soltu mis-sid tas-Summer Nights u dan m'għamilx permess għalih. Is-Sindku ġibidlu l-attenzjoni u sid l-istabbiliment kellu jiġi l-Kunsill biex jagħmel il-permess u jħallas anke ġurnata b'lura.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li wara li jsir l-*embellishment* mad-dawra tal-bandli hu mhux se jippermetti li jidħlu ġol-ħamrija biex jagħmlu dawn il-*projectors.*

3.18 **Permess għall-imwejjed u s-siġġijiet:**

Fuq qbil unanimu l-Kunsill mhux kuntent li mhux qed tiġi osservata l-liġi mill-ħwienet fuq il-permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet li tinħareġ mill-Lands.

Il-Kunsillier is-Sur George Farrugia ssuġġerixxa li nitolbu lil tal-ħwienet biex iwaħħlu fejn jidher il-permess tal-imwejjed u s-siġġijiet.

Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat lill-Awtoritajiet kollha biex jieħdu azzjoni.

3.19 **Generator għas-Summer Nights Bar:**

Il-Kunsill approva unanimament li s-sid tas-Summer Nights iħallas xahar b'xahar permess kulljum biex ipoġġi *generator* fi Triq Sant'Anna.

3.20 **Press Conference ġewwa l-Kunsill :**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 30 t'Awwissu se ssir konferenza stampa ġewwa l-Kunsill fuq il-proġett tal-ERDF fl-12.00p.m. Kulħadd huwa mistieden li jattendi.

3.21 **Proġett bejn l-Universita` ta' Malta u l-Italja:**

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri spjega lill-Kunsill li qed isir proġett bejn l-universita` ta' Malta u dik ta' l-Italja fuq it-tisbiħ tal-kosta. Bħalissa qegħdin fil-fażi li tinġabar id-data. Is-Sur Camilleri qal li l-Kunsill tagħna tahom ħafna nformazzjoni bħal mappep, kotba, ritratti, leaflets eċċ. Issa dalwaqt jerġgħu jiġu Marsaskala biex jieħdu ritratti.

Dan huwa proġett li se jiswa €30 miljun maqsum bejna u bejn l-Italja u l-għan tagħhom huwa li se jgħinu fejn jista` jiġi mtejjeb, bħal postijiet storiċi eċċ. Huma kkumplimentaw mal-Kunsill tagħna kemm għandna Kunsill organizzat u kemm għandna lokalita` li toffri diversi affarijiet.

3.22 **Reserved for Disabled:**

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qed jitlob lill-Kunsill sabiex jibda josserva sewwa qabel ma jsir *refreshing* tar-*reserved parking for disabled.* Għandna nivverifikaw qabel ma jsir ir-*refreshing* għax meta t-TM tagħti l-approvazzjoni fuq fawn il-parkeġġi dan ikun hemm stipulat għal kemm snin li ġeneralment ikun għal sena biss, pero` n-nies jabbużaw u jibqgħu iżommuha għal konvenjenza tagħhom. Għalhek biex innaqqsu minn dawn l-abbużi l-Kunsill irid jivverfika mat-TM jekk tkun skadiet iż-żmien ta' dik ir-*reserved* qabel ma jsir ir-*refreshing.*

Il-Kunsill qabel unanimament.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi l-pagamenti numri 1850 tas-Supreme Travel Ltd., kien kont pendenti u wara li ġie vverifikat magħhom, il-kont se jiġi mħallas.

Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha.

❖ ***Sospensjoni tar-regolamenti.***

6.0 ***Approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart April-Ġunju:***

Is-Segretarju Eżekuttiv fl-assenza tal-accountant is-Sur Lawrence Cauchi spjega fid-dettal ir-rapport ta' kull kwart dak ta' April-Ġunju 2012.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li ma jistgħux isiru aktar proġetti kapitali bħal dawk ta' Polidano fuq toroq u patching eċċ.., għax il-Kunsill nefaq aktar milli kellu proġettat. Is-Segretajru Eżekuttiv qal li fuq il-proġett li kellu jsir fil-Bidni biex inkomplu x-xogħol fuq mozzjoni li saret ma jistgħux isiru qabel Jannar li ġej. Hemm dik ukoll ta' Triq La Sengle quddiem it-*training centre* u l-oħra li togħla fi Pjazza Dun Tarċis Aġius, barra l-*playing field* taż-Żonqor. Dawn huma kollha xogħlijiet li jridu jsiru s-sena ddieħla.

Għar-rigward *road signs & markings* tal-kuntrattur Koptasin, il-Kunsill qabeż il-budget sewwa fejn kien hemm ivvutat €10,000 u nfaqna €25,000. Mill-lum il-quddiem iridu jsiru xogħolijiet mill-ħaddiema tal-IPSL fejn ikun hemm bżonn.

Għar-rigward xogħol li jsir mill-Kuntrattur Karmig rigward bankini eċċ.., iridu wkoll inaqqsu x-xogħol drastikament. Is-Sindku qal li din is-sena trid issir il-bankina ta' Triq il-Gross bil-fondi li nterbħu mill-iskema u erba` biċċiet bankini żgħar u l-bqija għas-sena ddieħla.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li peress li issa se noħorġu erba` tenders ġodda u qed nżidu l-istandards tas-servizzi mitluba, ifisser li hemm ċans kbir li l-ispiża se tiżdied u allura awtomatikament jitnaqqas l-ammont li jista` jiġi allokat fuq proġetti kapitali u bankini.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li fin-nefqa tal-*Community & Hospitality* hemm madwar €13000 fi spejjeż tal-proġett tal-EUPA, liema fondi l-Kunsill kien diġa rċieva u jinsabu fil-parti tad-dħul ta' l-istess rapport.

Rigward il-*Professional Services*, iż-żieda fin-nefqa hija minħabba l-ispejjeż ta' l-*air quality specialist.*

Il-Kunsill approva unanimament il-*quarterly report.*

5.0 ***Aġġudikazzjoni ta' Kwotazzjoni :***

5.1 **MLC 08/2012 – Lights for Jum Marsaskala & Iljieli Skalin:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*quotation schedule.*

| | Kuntrattur | Ammont inkluż il-VAT |
|---|---|---|
| 1. | Nexos Lighting & Technology | €3,304,31 |
| 2. | Light Sound & Vision | €1,640.20 |

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li talab aktar informazzjoni lil-Light Sound & Vision peress li ma tagħniex *itemised bill* kif tlabna aħna.

Il-Kunsill innota li l-Kuntrattur Light Sound & Vision wara li ntalab mll-Kunsill fil-kwoazzjoni sottomessa minnu kien bagħtilna *email* bi spjegazzjonijiet li ma kienx tagħna, allura kieku ma tlabniex aktar informazzjoni kien jarma mhux bi speċifikazzjonijiet li tlabnihom aħna, bħal per eżempju aħna tlabna TRUSS ta' 60 X 60 u kien se jibgħat TRUSS 40 X 40.

Il-Kunsill qabel unanimament li Light Sound & Vision kien *technically non compliant* u n-Nexos Lighting Technology kien l-uniku kuntrattur li aderixxa mal-ispeċifikazzjonijiet kollha iżda ċ-ċifra tiegħu kient għolja. Fid-dawl ta' dan il-Kunsill approva li nerġgħu noħorġu kwotazzjoni oħra għaż-żewġ offerenti peress li ma baqax żmien biex noħorġuha għall-pubbliku w il-Kunsill jagħmel emendi billi jnaqqas l-ispeċifikazzjonijiet tad-dawl u tat-TRUSS. Il-Kunsill għandu jitlob għal dawl adekwat kif ukoll TRUSS ta' 40 X 40 jew aħjar.

6.0 ***Mistoqsijiet:***

***Mistoqsija mressaq mill-Kunsillier – s-Sur John B. Camileri (#015-20/08/12):***

*"Nistaqsi xinhi risposta dwar mozzjoni 316 u mozzjoni 317. Dawn ġew diskussi waqt laqgħa 31?"*

Għar-rigward Mozzjoni numru 316, *"Jipproponi sabiex jitkompla r-resurfacing fil-Bidni min ħejn il-Kappella sa Triq iż-Żafran".*

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li xtaq li din it-triq saret kollha u mhux parti minnha ghax qegħda diżastru.

Is-Segretarju Eżekuttiv kien tah spjegazzjoni fuqha aktar il-fuq fil-*quarterly report*, pero` il-Kunsill approva li nqabdu lill-Perit iġib stima ta' xogħol.

Dan ix-xogħol irid isir s-sena ddieħla, kif kien diġa spjegat waqt il-*Quarterly Report*.

Għar-rigward Mozzjoni numru 317, *"Jipproponi sabiex nitolbu lis-sidien ta' Monita sabiex jerġgħu jifthu Triq il-Bajja għal Triq Dun Frans Bianco kif kien miftiehem wara li jitlesta l-iżvilupp"*.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ppropona li għandna ntuhom *deadline*.

Il-Kunsill approva unanimament li ssir konferenza stampa u niktbulhom ittra iebsa, fil-każ li ma nirċevux data meta jkun se jsir ix-xogħol.

Il-Kunsillier L-Grantar kien skużat milli jkompli jattendi s-seduta fid-9.50pm.

7.0 ***Mozzjonijiet:***

7.1 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#351 – 11/07/12):**

*"Jipproponi fi Triq is-Skiet nirranġaw il-bankina minħabba li qiegħed ikun hemm problema għax jipparkjaw ħażin (ritratt anness)"*.

Din il-mozzjoni ma tistax issir għax dik art privata.

7.2 ***Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur George Farrugia (#352 – 2/08/12):***

*"Jipproponi biex issir tabella mal-kamra li hemm fil-bandli ta' Pjazza Mifsud Bonnici sabiex ħadd ma jitla` fuqha u lanqas ipoġġi tazzi u fliexken"*.

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament li nagħmlu xi tip ta' tabelli żgħar.

7.3 ***Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur George Farrugia (#353 – 2/08/12):***

*"Jipproponi sabiex ma wara tat-tabelli li jindikaw l-eta` ta' l-apparat tal-bandli fi Pjazza Mifsud Bonnici jitwaħħlu tabelli li jindikaw li ma jistax ikun hemm logħob bil-ballun, la jkun hemm tkaken fuq it-tapit, ma jsirx tipjip u ma jkunx hemm sewqan bir-roti"*.

Il-Kunsill approva unanimament.

7.4 ***Mozzjoni mressaq mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#354 – 13/08/12):***

*"Jipproponi li s-siġar fi Triq il-Qaliet eżatt quddiem il-Villel fejn dan l-aħħar sar tisbieħ permezz tal-progett tal-ERDF jinqalgħu u jinżergħu fil-ħamrija li hemm mad-dawra tat-torri ta` San Tumas u flokom jinżergħu Wasingtonia li ser nixtru minn Għawdex. Dawn kollha mxenglin u fl-opinjoni tiegħi qed ikerhu l-ambjent. Hekk jekk hekk l-għalqa madwar it-torri m` hemm xejn miżrugħ fiha. Tista` l-quddiem ikollha dell mix-xemx u wieħed jista` jorganizza picnics eċċ"*.

Il-Kunsill approva unanimament.

8.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

Ma kienx hemm informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.

9.0 ***<u>Aġġornament:</u>***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-10.15p.m.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja*** Charlot Mifsud
Sindku Viċi Sindku